**L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010**

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2008)0227

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tirrevoka d-Direttivi tal-Kunsill 71/317/KEE, 71/347/KEE, 71/349/KEE, 74/148/KEE, 75/33/KEE, 76/765/KEE, 76/766/KEE u 86/217/KEE dwar il-metrologija**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/17/UE.)*

---

ANNESS

**Dikjarazzjoni mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

F'konformità mal-Artikolu 25 tad-Direttiva 2004/22/KE dwar l-istrumenti tal-kejl, il-Kummissjoni hi mistiedna, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, tirrapporta, qabel it-30 ta' April 2011, dwar l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u, fejn hu xieraq, tressaq proposta leġiżlattiva.

F'dak il-kuntest, u f'konformità mal-prinċipji ta' leġiżlar aħjar (inklużi, fejn hu xieraq, valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni miftuħa), se titwettaq valutazzjoni biex jiġi stabbilit jekk għandux jiġi estiż l-ambitu tad-Direttiva 2004/22/KE, u fil-każ li dan ikun minnu, sa fejn għandu jiġi estiż sabiex jinkludi kwalunkwe mill-istrumenti ta' kejl attwalment regolati mid-Direttivi 71/317/KEE, 71/347/KEE, 74/148/KEE, 75/33/KEE, 76/765/KEE, 76/766/KEE u 86/217/KEE.

Anke d-data stabbilita għar-revoka ta' dawk id-Direttivi se terġa' tiġi eżaminata, f'konformità mal-eżitu ta' dik il-valutazzjoni, bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-konsistenza fl-azzjoni leġiżlattiva tal-Unjoni fil-qasam tal-istrumenti tal-kejl.

---

## L-inizjattiva taċ-ċittadini ***I

P7_TA(2010)0480

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (COM(2010)0119 – C7-0089/2010 – 2010/0074(COD))**

(2012/C 169 E/44)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0119),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

**L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0089/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Lulju 2010 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Ġunju 2010 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-8 ta' Diċembru 2010 li tiġi approvata l-Pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7–0350/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħunotatal-istqarrijamill-Presidenza tal-Kunsillu l-istqarrijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Għadha mhux ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU C 267, 1.10.2010, p. 57.

## P7_TC1-COD(2010)0074

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Diċembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 211/2011.)*

ANNESS

**Dikjarazzjonijiet**

**Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni**

– I –

Il-Kummissjoni ser tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini. Speċifikament, hija ser tistabbilixxi u żżomm aġġornata gwida kompleta u li tinftiehem faċilment dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini f'kull lingwa uffiċjali tal-Unjoni, li ser tkun aċċessibbli fuq is-sit elettroniku ddedikat għal dan l-istrument. Barra minn hekk, matul il-proċedura ta' reġistrazzjoni u l-ipproċessar tal-proposti għal inizjattivi taċ-ċittadini, hija ser tipprovdi assistenza u konsulenza lill-organizzaturi li jkunu jeħtieġu dan. B'żieda ma' dan, il-Kummissjoni, meta tintalab, ser tinforma lill-organizzaturi bil-proposti leġislattivi eżistenti jew previsti dwar il-kwistjonijiet li jitqajmu mill-inizjattiva.

**L-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010**

– II –

Wara r-reġistrazzjoni ta' proposta għal inizjattiva f'xi lingwa uffiċjali, l-organizzaturi jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni, fi kwalunkwe mument waqt il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, biex jiddaħħlu fir-reġistru traduzzjonijiet ta' din il-proposta f'lingwi uffiejali oħrajn. It-traduzzjonijiet tal-proposti għal inizjattivi ser ikunu r-responsabbilta tal-organizzaturi. Qabel ma taċċetta li tiddaħħal verżjoni lingwistika ġdida fir-reġistru, il-Kummissjoni ser tivverifika li ma jkun hemm l-ebda inkonsistenza eara u sinifikanti bejn it-test oriġinali u l-verżjonijiet lingwistiċi ġodda fir-rigward tattitolu, is-suġġett u l-objettivi.

**Dikjarazzjoni mill-Presidenza Belġjana tal-Kunsill**

Il-Presidenza ser tagħmel ħilitha biex tiżgura li jiġu stabbiliti l-miżuri meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tiegħu kif previst fir-Regolament.